# L-EWWEL SAJDA

Mixħut fil-pruwa tad-dgħajsa, Ninu kien qiegħed jitgħaxxaq bil-ġmiel tal-baħar li, milqut mill-aħħar dija tax-xemx, kien jidher minn kull lewn. Żiffa ħelwa ta' Settembru kienet timla l-qala', u d-dgħajsa kemmxejn immejla kienet ġmielha ħierġa l-barra mill-port ta' Marsamxett għad li kienet ta' għamla qadima. Mewġa wara l-oħra taħbat mal-pruwa tinqasam u r-riħ itajjar dak ir-raxx mielaħ ma' wiċċ Ninu. Dan, għalih, kien iħossu fil-ġenna tal-art, minn daqqiet għajnejh kienu imorru fuq l-orizzont fejn sħab abjad żgħir kien q'ed jiġġerra.

Lil Ninu, il-baħar (il-għadu, u, fl-istess ħin, il-hena tassajjieda) kien ħadlu lil missieru, f'lejla tal-biża', ftit żmien wara, il-għali temm lill-għażiża ommu. Zijuh ġietu ħniena minnu u żammu miegħu u issa li Ninu beda jikber ħaseb biex jibda jieħdu biex igħallmu sengħetu u miegħu jagħmlu raġel li jista' jaqla' x'jiekol bla ma jkun xkiel lil għajru. Sengħa għalih sabiħa: sengħa ta' kumbatt mal-baħar, mar-riħ, iżda wkoll ta' għaxqa u ta' hena. U tabilħaqq, Ninu kien q'ed jitgħaxxaq u jistgħaġeb bil-kobor tal-baħar u bil-ġmiel tassema, mis-sema kien jistħajlu q'ed jara l'ommu titbissimlu u tkellmu u mill-baħar, bejn mewġa u oħra kien jidhirlu q'ed jisma' l'missieru jsejjaħlu.

Din kienet l-ewwel darba li Ninu tala' fuq il-baħar u ħareġ hekk il-barra; il-ħtieġa ġagħlitu jaqbad il-ħajja ta' sajjied biex jista' jgħix fuq il-baħar, fuq dak il-baħar, "żaqqu ratba u rasu jebsa", filli ħiemed, filli jrid jibla' l-art.

Ix-xemx kienet waslet biex tgħib għal kollox, u dak issħab li ftit qabel kien igħaxxqek bil-ħmura tiegħu sar minn lewn ir-rmied. Waħda waħda bdew jidhru l-kwiekeb minn bejn is-sħab ipetptu u jilmaw qieshom djamanti. Ftit ilbogħod imxerrdin l'hawn u l'hemm kien hemm dgħajjes oħra tas-sajd. Minn l-aktar waħda qrib id-dgħajsa ta' Ninu kien jinstama l-għana, għana ħelu, għana ħiereġ mill-qalb Maltija:

**Tassew għandu biex jiftaħar**
**min irid igħix mill-baħar!**

Ninu mitluf bil-ferħ, kien q'ed jissamma' dak il-għana sabiħ, li wara ftit siket. It-tifel ħass ruħu toħla: xtaq tassew jibqa' jgħix fuq il-baħar, bħal ma kien għix missieru, u jmut bħal ma kien miet huwa.

Fil-ħin li Ninu kien imxiegħel f'dawn il-ħsebijiet, sieħlu Mikiel, il-*padrun* tad-dgħajsa, biex jersaq taħt il-poppa jiekol

xi ħaġa; inbagħad zijuh, il-*barba* Franġisk,li kien q'ed iżomm it-tmun, b'pipa daqshiex f'ħalqu, żied igħidlu:

—Hemm x'int tagħmel fil-pruwa? m'intix tħoss is-sirda nieżla fuqek?

U tabilħaq; lil Ninu issa kienet qabditu t-tkexkixa tal-bard, u fil-waqt li qabel kien iħossu ferħan, issa beda jidher qalbu sewda iżjed miċ-ċpar li beda nieżel fuq il-baħar. Il-ħsieb ta' ommu u missieru kien q'ed jagħfaslu dik qalbu żgħira u dikment kienet tidher fih tibdila ħafifa; min ilumu, jaħasra, jekk imqar l-aqwa raġel iħoss qalbu tingħafas xħin jiftakar f'telfa bħal dik! Ninu għorok għarka għajnejh bħal wieħed li qâm minn ħolma kerha, u mar fil-poppa.

Ir-riħ żied u l-baħar tqawwa.

* * *

Fuq din id-dgħajsa kienu jinsabu erbgħa min-nies; Mikiel, il-*padrun* tad-dgħajsa, raġel daqs ġorf li għad li kellu qrib is-sittin kien jidher fuq tiegħu daqs wieħed ta' tletin; *barba* Franġisk, iz-ziju ta' Ninu, xwejjaħ minn tagħna kemm tridu u għal dik li hi sengħa tas-sajd ħadd ma kien igħaddih; Ċensu,żagħżugħ qiesu berqa,mimli sewwa. dirgħajn daqshiex, qalbu f'idu u dejjem lest biex fejn jinħtieġ imidd idejh, u Ninu tagħna, tfajjel ħelu zokkra, ta' ħdax jew tnax il-sena.

Imqar dik il-lejla, fuq il-kenur tal-landa kellhom xi ħaġa tal-ikel, u kellhom sewwa, għax Mikiel, il-*padrun*, ma kienx jemmen bil-ftit. Lil Mikiel għall-ikla tilgħablux!

—Ejja ħa tiekol, Franġisk!—għajjat Mikiel—u int Ċens, mur fuq it-tmun!

U żied igħidlu:—Il-baħar mill-pruwa! Jekk iżid ir-riħ, sejħilna: inbattu ftit il-qala' l-majjistru!

Ninu u zijuh qagħdu ħdejn in-nar; hekk għamel Mikiel u x'ħin kellu l-platt quddiemu: *Fl-isem tal-Missier*...—qal: u beda jiekol.

—*Fl-isem tal-Missier*...—qalu l-oħrajn u għamlu bħalu.

Fanal imdendel fuq rashom b'biċċa xemgħa ġo fih mhix ħlief tpetpet.Il-kenur qadim li kellhom imrabbat bil-fildiferru ta' sikwit jaqa' l-ġamar minnu, u Ċensu fuq it-tmun igħanni.

Ninu kollu ħosbien; tħares lejn wiċċu kont tintebaħ li qalbu mnikkta u li l-ikel ma jistâx jinżillu, daqs kemm kien q'ed jiekol fuq il-qalb.

—X'għandek, Nin, il-lejla? –staqsih ħosbien Franġisk. Għax kos Franġisk kien iħobbu daqs għajnejh kemm għax it-tifel kien jiġbdek, u kemm għax wiċċu kien ifakkru fl-imsejken ta' ħuh li ma kienx ilu wisq li għab minn quddiemu.

—Kemm fadal għall-festa' ta' San Mikiel?—staqsa t-tifel.

—San Mikiel, jaħbat fid-29 ta' dan, nhar it-Tlieta...—wieġeb il-*padrun* u l-lum għadu s-Sibt.

—Tlett ijiem oħra...—issokta jgħidlu l-*barba*, waqt li sammar ħarstu f'għajnejn it-tifel :—u għax trid tâf?—staqsih.

Zijuh kien jaf tajjeb għax ried jaf it-tifel meta jaħbat San Mikiel! Kien nhar San Mikiel bil-magħmul, meta ħalla baħar, ħatfet, minn fuq dik l-istess dgħajsa lil missieru u għaddsitu f'qiegħ il-baħar mnejn ma deherx iżjed.

Dawn kienu l-ħsebijiet li nikktu mhux ftit il-qalb tajba tat-tifel. Hu li kien jiftakar fl-imħabba li kien iħobbu missieru, kien q'ed jistħajlu jarah ġej lejn id-dar bil-kannestru f'idu l-waħda u bl-oħra jaqbdu minn rasu u jitbaxxa jfaqqa' bewsa fuq xbinu!... U ftakar f'ommu li kienet tkun kollha ħrara thejji t-tisjir għal xħin jiġi missieru minn fuq il-baħar, dejjem sejjra minn fil-għodu sa fil-għaxija, dejjem daħkana!... U issa...

—*Barb*, għal San Mikiel immorru fejn għereq missieri, forsi narawh?—qal it-tifel.

—Iva, ruħi iva—qatgħelu qasir zijuh—nhar it-Tlieta fakkarni nieħdok jien, issa oqgħod kwiet u mur taħt il-pruwa għall-kenn.

...Dik il-lejla t-tifel ma għalaqx għajn ma' għajn.

* * *

Għal sittax-il-siegħa sħaħ Mikiel il-*padrun* ma telaqx ittmun minn idejh, ir-raxx tal-baħar u x-xita bil-qliel jatu fuqu, ir-riħ beda jonfoħ bis-sħiħ, kien jidher li ġej temp aħrax. Kienet lejla tassew tal-biża', il-mewġ beda ġej waħda ogħla mill-oħra, u d-dgħajsa filli titla' fil-ogħli u filli tieħu tisbita qawwija u minn ħin għall-ieħor l-imsejkna sajjieda kienu q'ed jistennew il-għarqa.

Lil Ninu l-*barba* ma ħalliehx jitla' fuq, u dan l-imsejken tifel mixħut taħt it-tavlar tal-pruwa, issa kien imbażża' u mriegħed, jitħasseb kif sejra tispiċċa din l-ewwel ħarġa tiegħu fuq il-baħar. Oh! issa xejn ma kien sabiħ il-baħar!!!

Tant kien jixtieq jara 'l missieru, jew għall-anqas il-lok fejn għereq, iżda min kellu jgħidlu li għalih kien hemm lesta l-istess xorti!

Ftit kienu l-bogħod minn Pantallerija; kienu jinstemgħu l-ħalel tal-baħar jinqasmu mal-blat u jissabbtu l-ura. Ninu b'idejh imqabbda mat-tavlar biex ma jaħbatx rasu, isfar mewt, beda jitlob kif kienet għallmitu ommu: *Is-sliem għalik Sultana*... Iżda f'daqqa waħda, ħalla kbira niżlet fuq rasu u mliet id-dgħajsa.

Kien it-tmiem tagħhom.

Mikiel ma felaħx iżjed, marlu minn idejh il-manku tat-tmun u mewġa għolja qalbet id-dgħajsa, dik id-dgħajsa li għal tant żmien kienet il-ħajja tagħhom, li biha kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kull jum.

..........................................................................................

Malli beda jżernaq, qatgħa gawwi bdiet tgħajjat u tittajjar għad-dawl ta' l-ewwel raġġi tax-xemx li kienu jilmaw fuq ftit laqx ta' dgħajsa mfarrka...

**Alfa.**